MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 314/2006/1

**Sancto *sive* Sunny Attard**

**vs**

**Dr. Malcolm Mifsud u Victor Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Dicembru, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat is-16 t'Ottubru tas-sena 2006 li permezz tieghu ir-rikorrent Attard sejjah lill-intimat Mifsud quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas is-somma ta’ mhux izjed minn hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), bhala danni ai termini ta’ l-artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana stante illi b’artikli u/jew rapporti ppubblikati fil-gurnal ‘Il-Mument’, ta’ nhar il-Hadd 10 ta’ Settembru tas-sena 2006 l-intimati mmalafamaw lill-attur bil-ghan car li jtellfulu jew inaqqsulu r-reputazzjoni tieghu;

2. Bl-ispejjez u l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat Mifsud datata t-8 ta’ Novembru tas-sena 2006 li permezz taghha ecepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kontenut tar-risposta ta’ artikolu suggett ta’ din il-kawza ma jikkostitwix malafama kif provdut mill-artikolu 11 ta’ l-Att dwar l-Istampa, (Kap 248), fejn fid-demokrazija tal-lum kummenti kif gew pubblikati huma accettabbli u jinkwadraw ruhhom fl-ezercizzju da parti ta’ l-intimat tad-dritt fundamentali ta’ l-espressjoni, liema dritt huwa salvagwardat mill-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Konvenzjoni ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kontenut ta’ l-artikolu suggett ghal din il-kawza huwa kumment gust, (“fair comment”), specjalment meta wiehed iqis il-fatt kif gew elenkati fl-artikolu stess;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ir-risposta essenzjalment simili ghal dik precedenti ta’ l-intimat Camilleri datata t-13 ta’ Novembru tas-sena 2006, fejn dan eccepixxa s-segwenti:

1. Illi ma hemm xejn libelluz u malafamanti fil-pubblikazzjoni de quo;

2. Illi l-artiklu jikkonsisti f'kummenti dwar fatti sostanzjalment korretti, ("fair comment"), li huma permessi mill-kostituzzjoni u mill-Ligi;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-lanjanza ta' l-attur rikorrent tista' tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

1. Illi hassu malafamat bil-kontenut ta' l-artikolu li deher fil-gurnal settimanali Il-Mument fil-harga ta' l-10 ta' Settembru tas-sena 2006 intitolat "Il-Pulizija jridu jitkellmu mas-Sindku tal-Pieta'";

2. Illi l-attur, apparti li hassu mmalafamat bit-titolu, hassu wkoll immalafamat mill-kontenut ta' l-istess artikolu, fejn senjatament l-awtur intimat isostni s-segwenti:

i. Illi l-attur qed " … jahrab mill-icken responsabbilita' tieghu … ";

ii. Illi l-attur " … ghal xi raguni jew ohra qed jevita lill-Pulizija. Vera li l-Pulizija ghandha l-poter ta' l-arrest izda niddubita li se tarrestah fil-laqghat maghha";

iii. Illi finalment jikkonkludi: "Nisperaw li s-sindku jinstab!";

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li l-awtur intimat kien ghal dan l-ahhar perjodu is-Sindku tal-lokal de quo izda kien sostitwit fil-kariga wara elezzjoni libera mill-attur rikorrenti;

Illi l-attur isostni illi fl-esekuzzjoni tal-funzjonijiet fdati lilu huwa jzomm laqghat regolari mal-pulizija u effettivament huma trasparentement strutturati;

Illi l-attur jichad kategorikament li qed jevita lill-pulizija jew li hu xi persuna li qed tigi imfittxija mill-pulizija fis-sens normali attribwit lil dan il-kliem cioe' li hu xi kriminal li l-forzi ta' l-ordni qed jigru warajh biex jassiguraw l-ordni pubblika bil-kattura tieghu;

Illi l-attur isostni li xejn m'hu 'l boghod aktar min dan u li effettivament l-attur mhux latitanti;

Illi fil-fatt l-istess attur isostni wkoll li sa tlett (3) ijiem qabel ma deher l-artikolu de quo, l-istess artikolist kien prezenti f'attivita' tal-Kunsill Lokali de quo u li fiha kien prezenti kemm is-Sindku attur, kemm il-Pulizija;

Illi rigward il-meritu sollevat l-attur isostni li meta gie mitlub izomm xi laqghat mal-Pulizija dan effettwhom ghas-sodisfazzjon tal-partijiet involuti, (ara fol 15);

Illi l-percezzjoni li tohrog mill-artikolu li s-Sindku attur hu xi kriminal imfittex mill-Pulizija hu ributtanti u ma taghmilx gieh lil min insinwaha;

Illi ghalhekk kien kostrett jintavola din il-procedura fid-dawl tal-Kap 248;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolist intimat isostni in sintesi s-segwenti:

i. Illi hu jsostni li jaf kif jahdmu d-diversi fazzjonijiet tal-Pulizija, (ara fol 27);

ii. Illi hu jsostni wkoll li kif is-Sindku attur gie elett f'din il-kariga fl-10 ta' Marzu tas-sena 2006, kien hemm diversi rikjesti mill-pulizija biex jiltaqghu mas-Sindku neo promoss;

iii. Illi hu kien ukoll jaf li l-problemi ma kienux qed jigu affrontati u kien ghalhekk li kiteb l-artikolu in dizamina;

iv. Illi stranament isostni wkoll li " … Min dan l-artikolu stess johrog illi fil-fatt jiena qed nghid dak li effettivament gara", (ara fol 28);

v. Illi jsostni li la qatt ma qal li l-attur:

a. hu kriminal, u lanqas

b. insinwa li hu kriminal, (ara fol 28);

vi. Illi l-artikolu gie miktub f'vena umoristika, (ara fol 28);

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tal-ko-intimat Camilleri ghandu jinghad li l-attur ma gab l-ebda prova fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi in sintesi jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-protagonisti involuti jirrizulta li huma s-Sindku sedenti u dak estromess;

2. Illi l-artikolist intimat ghazel li jikteb artikolu rigward kwistjoni li l-pubbliku ghandu dritt li jkun konoxxenti taghha, senjatament jekk is-Sindku

minnu elett hux qed jaghmel hiltu biex l-affarijiet fil-Kunsill de quo jimxu bl-ahjar mod possibbli;

3. Illi ghalkemm s'hawn hu lecitu u doveruz, pero' li wiehed jinsinwa, anke ex admissis b'mod umoristiku, li wiehed hu ekwiparat ma kriminal mahrub jew latitanti , mhux espressjoni limipida ta' l-oghla arti gurnalistika li tattira l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem rikjamati mill-intimat;

4. Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-qorti li xejn mhux aktar 'il boghod minn dan stante li gurnalizmu serju, anke jekk robust, dejjem ghandu jixpruna l-oghla valuri ta' dan l-istat u mhux jizurpa dawn l-oghla aspirazzjonijiet biex isammar il-musmar ta' l-infamja ma'  min, minn zmien ghal zmien, jaqa' fil-mira ta' dan l-uzurpatur;

5. Illi kif de resto gie kemm –il darba ribadit, kemm mill-qrati lokali kif ukoll mill-oghla gurisdizzjonijiet internazzjonali ghaliex:

"F'materja ta' libell, verament mhux importanti li wiehed jara x'kellu f'rasu min kiteb artikolu ngurjuz f'gurnal, ghaliex l-importanti hu li wiehed jara x'jifhem ic-cittadin ordinarju ta' ntelligenza normali meta jaqra l-artikolu nkriminat". (Dr. Desira Buttigieg vs Cossai et Qorti Appelli Kriminali: 29 ta' Novembru ta' l-1958);

6. Illi kif isostni l-Forla: "Delle Ingurie e Diffamazione":

"Il dolo nella diffamazione commessa col mezzo della stampa e' in re ipsa, onde non e' da far ricerca sull'animo vero e proprio di diffamare";

7. Illi finalment kif isostni l-Gately "On Libel and Slander" pp. 45 – 46:

"The question is not what the defendant intended but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning. Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of the defamation. The question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaning of the words he has used. It is not the defendant's intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of the libel but what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it";

Ikkunsidrat:

Illi in effetti meta c-cittadin ordinarju jaqra l-artikolu de quo jiehu l-impressjoni li s-sindku attur:

1. qed jonqos mid-dmirijiet ufficcjali tieghu;

2. qed jigi mfittex mill-pulizija;

3. qed jahrab mill-pulizija ghaliex ghandu kuxjenza sporka;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tar-rizultanzi riskontrati, xejn ma jirrizulta aktar 'il boghod min dan;

Illi li jirrizulta hu effettivament is-segwenti:

1. Illi fl-ahhar elezzjoni tal-Kunsill Lokali de quo inbidel il-gvern lokali;

2. Illi s-Sindku l-gdid jidher li kellu diversi problemi ma xiex jikkumbatti u kien necessarjament qed johloq il-projoritajiet legittimi tieghu;

3. Illi fost l-inkarigi li kellu, kien ukoll tenut li jkollu diversi laqghat mal-pulizija li jirrizulta li saru skond il-bzonn li kien jigi riskontrat minn zmien ghal zmien;

4. Illi l-attur la hu kriminali u wisq anqas hu xi persuna mahruba jew latitanti li l-pulizija kellha xi problemi immani biex issibu u tiffissa xi appuntamenti mieghu;

5. Illi l-insinwazzjoni fl-artikolu in dizamina li l-pulizija kellha xi htiega li tarresta lill-attur jekk jinstab, hi ghal kollox gratwita u haqqha l-istmerrija ta’ kull min hu in buona fede;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost, l-attur jidher li nesa ghal kollox lill-konvenut Camilleri u ma ressaq l-ebda prova fir-rigward;

Illi minn ezami dettaljat ta’ l-atti processwali ma jirrizulta li saret l-ebda referenza mill-attur fir-rigward ta’ l-intimat Camilleri hlief fl-okkju tar-rikors promotur;

Illi ghalhekk, a skans ta’ ripetizzjoni inutili qed issir riferenza ghall-principji similment enupicjati minn din l-istess qorti kif preseduta fil-kawza fl-ismijiet Nutar Sammut vs Caruana Galizia et datata s-17 t’April tas-sena 2007, pagna 5, paragrafu 4;

Illi konsegwentement, stante li ma saret l-ebda referenza mill-attur rigwardanti l-kwalita’ t’editur tal-intimat Camilleri, ma tqisx li saret l-ebda prova fil-konfront ta’ dan l-intimat u allura qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez hawn involuti kontra l-attur Sancto sive Sunny Attard;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tas-sintesi tal-meritu fuq indikat filwaqt li tirrespingi r-risposta ta' l-intimat Mifsud, takkolji t-talba ta' l-attur Attard u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-artikolu miktub mill-intimat Dr. Malcolm Mifsud intitolat "Il-Pulizija jridu jitkellmu mas-Sindku tal-Pieta' ", ippubblikat fil-harga ta' l-10 ta' Settembru tas-sena 2006 fil-gurnal settimanali "Il-Mument", hu effettivament malafamanti fil-konfront ta' l-attur Attard billi jtellef u jnaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess attur;

2. Illi biex allura tkun tista' tghaddi ghall-fazi successiva tal-vertenza u tistabbilixxi, kif statutorjament mitluba, l-quantum prefiss biex taghmel tajjeb ghad-dannu morali riskontrat fir-reputazzjoni ta' l-attur, taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et datata l-15 ta' Novembru ta' l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

"Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta' danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-ligi ta' l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b'limitu ta' elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), (liema limitu kien sussegwentement estiz ghall-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

Illi biex din il-qorti tkun tista' tafferma r-rettitudini ta' dan l-ezecizzju taghmel referenza ghas-segwenti:

i. Illi l-premessa principali ta' l-artikolu hi li l-attur hu imfittex mill-pulizija;

ii. Illi tali insisnwazzjoni ggieghel lill-qarrej ordinarju jipprefigura l-fatt li l-attur ghandu x'jahbi u qieghed jahrab mill-forzi ta'

l-ordni u li allura jew hu xi kriminal jew ghandu xi kuxjenza sporka;

iii. Illi ovvjament tali insinwazzjonijiet jaghtu wiehed x'jifhem ukoll li l-attur qed jonqos mid-dmirijiet ufficcjali tieghu;

iv. Illi l-ebda wahda minn dawn l-insinwazzjonijiet ma giet ipprovata;

v. Illi finalment, ghandu jinghad li ex post facto, l-artikolist isostni li l-intenzjoni soggettiva tieghu meta kiteb l-artikolu de quo kienet wahda umoristika – atteggjament li ilu jigu kkundannat ad nonseam u b'kostanza minn dawn il-qrati sa mill-bidu ta' dan l-istitut;

3. Tikkundanna lill-intimat Dr. Malcolm Mifsud biex ihallas mill-attur rikorrent Sancto sive Sunny Attard l-ammont ta' tlett (3) mitt Lira Maltin, (LM300.00,0), bl-ispejjez rimanenti kontra l-istess intimat Mifsud."

Bl-appell tieghu minn din is-sentenza l-konvenut Dr. Malcolm Mifsud jokkontesta r-ragonament ta' l-ewwel Qorti bl-aggravji f'dawn it-termini:-

(1) L-ewwel Qorti skartat il-provi tieghu li stabbilew b'mod car li efettivament il-Pulizija riedet tkellem lis-Sindku. Dan, hu jissottomettih biex isostni l-eccezzjoni tieghu illi l-fatti minnu narrati fl-artikolu kienu sostanzjalment veri;

(2) Hu kellu kull dritt li jaghmel kritika lill-attur, *qua* Sindku tal-lokal tal-Pieta`, biex jinforma lill-pubbliku dwar l-inefficjenza tieghu;

(3) Ankorke it-titolu ta' l-artikolu seta' jaghti lok ghall-ambigwita, il-kontenut ta' l-istess artikolu jwarrab kull dubju;

(4) Il-kummenti tieghu huma ironici u bi stil umoristiku;

Jirrizulta mill-atti probatorji f'dan il-kaz illi l-attur, Sindku tal-Pieta` hassu offiz bl-artikolu miktub mill-appellanti b'mod generali mit-titolu tieghu u, in partikolari, f'dawk il-partijiet fejn jinghad li ghal xi raguni jew ohra hu qed jevita lill-Pulizija u l-kumment agguntiv "Nisperaw li s-Sindku jinstab". Fil-fehma ta' l-appellat dan il-kliem kien jitfa' dell ikrah fuqu ghax jaghtu x'wiehed jifhem li hu kien mistohbi jew mahrub. Minn naha ta' l-appellanti, dan jispjega l-kontenut ta' dak miktub minnu fis-sens illi kienu tressqu diversi talbiet mill-Pulizija biex jitlaqghu mas-Sindku izda dan qatt ma ffissa appuntament. Jaggungi jiddikjara illi ghalkemm it-titolu hu dak li hu qatt ma imputa lill-attur li hu xi kriminali u li, inoltre, it-ton tal-kitba kien wiehed umoristiku;

Il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq jekk qabel kull konsiderazzjoni ohra taghmel is-segwenti premessi:-

(1) F'materja ta' ingjura permezz ta' l-istampa l-ingurja tista' tirrizulta per mezz ta' "*innuendo*". Tispjega s-sentenza in re: "**Il-Pulizija -vs- Joseph Olivieri Munroe**", Appell Kriminali, 7 ta' Marzu, 1949, illi din l-*innuendo* tista' tkun ta' zewg xorta, "jigifieri dak li per mezz tieghu tigi identifikata l-persuna li ma tkunx issemmiet b'isimha, u dak li per mezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata". Jissokta jigi pprecizat mill-gurisprudenza illi fejn l-attur jindika *innuendo* partikolari hu jista' dejjem jirnexxi fl-azzjoni tieghu anke fuq is-sens ordinarju u naturali tal-kliem. Ara "**Dom Mintoff -vs- Thomas Hedley *nomine***", Appell Kriminali, 28 ta' Novembru, 1953 u "**Aldo Debono *et nomine* -vs- Anton Cassar**", Prim' Awla, Qorti Civili, 15 ta' Gunju, 1965;

(2) Il-kliem ma jistghux jinftehmu skond l-intenzjoni ta' min kitibhom ghax f'materja ta' libell l-importanti mhux dak li wiehed jara x'kellu f'rasu min kiteb

l-artikolu izda x'jifhem ic-cittadin ordinarju ta' intelligenza normali meta jaqra l-artikolu allegatament ingurjuz. Ara "**Wenzu DeBrincat -vs- Dr. Carmelo Caruana**", Appell Kriminali, 15 ta' Gunju, 1957;

Fil-kaz in ezami l-appellanti jitlaq mill-punt illi dak li nkiteb minnu kien jirrispekkja l-verita tal-fatti kif graw u, allura, il-kummenti tieghu, riflettenti l-gudizzju fuq l-operat ta' l-attur, kellhom jitqiesu li kienu "*fair*". Hi gurisprudenza kostanti illi biex il-fatti jitqiesu tabilhaqq veri, tali jridu jkunu rakkontati fil-kompletezza taghhom (ara "**Angelo Fenech *proprio et nomine* -vs- Anthony Montanaro *et nomine***", Appell Civili, 21 ta' Jannar, 1993). Fil-fattispeci, jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess appellanti illi t-talbiet tal-Pulizija ghal laqgha mas-Sindku kienu qed jghaddu lilu mis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill u li hu gie infurmat illi effettivament kien hemm iffissat appuntament li pero` kellu jithassar mill-Ispettur Tonna (ara deposizzjoni tal-konvenut a fol. 28). Accettata ghall-mument illi t-tezi ta' l-appellanti kienet verament dik aktar 'il fuq manifesta fl-esposizzjoni qasira tal-fatti, dan id-dettal importanti, imbaghad, ma sabx postu fl-artikolu imputat. Mhux dan biss, imma addirittura jinghad, b'referenza ghas-Sindku, illi "dan qatt ma jaghtihom appuntament". Meta dan huwa hekk, kif jinsab osservat, "l-eccezzjoni tal-*fair comment*, li ghandha jkollha bhala bazi fatti veri fil-kompletezza taghhom, ma tistax lanqas biss tigi kontemplata" ("**Il-Pulizija -vs- Dr. Carmelo Caruana**", Appell Kriminali, 14 ta' Awissu, 1958);

Premess dan, l-appellanti jissottometti, u anzi jirrikonoxxi bl-appell tieghu illi t-titolu ta' l-artikolu tieghu seta' jaghti lok ghall-ambigwita`. Ghall-Qorti dan necessarjament ifisser illi l-kontenut ta' l-artikolu seta' jinftiehem mod skond it-tezi propulsa mill-appellanti, u seta' wkoll jinftiehem mod iehor, skond kif mill-attur appellat interpretat. F'sitwazzjoni bhal din, essenzjalment wahda ta' fatt, l-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta' min irid jiggudika jimporta illi miz-zewg tifsiriet possibbli, u skond it-test tar-ragonevolezza u tal-kostituzzjoni naturali tal-kliem,

jiddetermina liema minnhom hi l-aktar probabbli skond il-fehma tal-qarrej ta' intelligenza ordinarja ghal liema l-kliem ta' l-artikolu hu hekk iddestinat. Jinsab osservat fid-decizjoni "**Jones -vs- Skelton**" [1963 1 W.L.R. p 1377] "*That the onus of proof is on the plaintiff does not mean that the judge should make for the defendant if the words are reasonably capable both of a defamatory and of a non-defamatory meaning*". Dan iffisser illi l-kliem, apparentement innocenti, jista' jkollhom tifsira diffamatorja meta moqrija b'referenza ghat-titlu ta' l-artikolu, il-kuntest li fihom dehru, il-mod tar-rapprezentazzjoni taghhom u ta' dawk ic-cirkustanzi l-ohra kollha li fihom inkitbu u dak tal-messagg li ried jitwassal lill-qarrejja. L-appellanti ma jistax jippretendi illi l-ewwel Qorti kellha ta' bilfors tifhem, in bazi ghal dak hawn konsiderat, illi t-tifsira taghhom kienet ezenti minn kull dubju;

Ghall-ezimenti mir-responsabilita` l-appellanti jaghmel ukoll affidament fuq it-ton ironiku u s-sens umoristiku tal-kliem. Fuq il-punt, il-Qorti tibda biex tirregistra illi l-kitba umoristika jew sarkastika ghandha wkoll il-parametri taghha ta' dak li hu lecitament permessibbli. Dejjem jekk kien hekk intenzjonat, il-kitba umorisitka lanqas ma tista' titrasforma ruhha fid-dritt ta' ingurja libera billi jinqabez il-limitu tal-korrettezza tal-lingwagg ghal fini li jkun ikkalpestat il-minimu ta' dik id-dinjita li persuna ghandu jkollha fis-socjeta`. Certament, l-ebda gustifikazzjoni ma tista' qatt tkun rikonoxxuta fejn l-indirizz ironiku jew l-umorizmu jitrasmoda f'attakk jew insinwazzjoni denigratorja;

Josserva l-**Gatley** ("**On Slander and Slander**", 7th Ed., para. 89 u 90) illi "*the principle is clear, that a person shall not be allowed to murder another's reputation in jest. But if words be so spoken that it is obvious to every bystander that only a jest is meant, no injury is done, and conseguently no action shall lie. The whole question is whether the jocularity was in the mind of the defendant alone, or was shared by the bystanders*";

L-istess awtur jissenjala mbaghad certi decizjonijiet tal-Qrati Inglizi in materja. Hekk per Joy C B gie deciz fil-kaz "**Donoghue -vs- Hayes**" [1831], "*if a man in jest conveys a serious imputation, he jests at his peril*" u skond Judge Solomon fil-kaz "**Glass -vs- Perl**" [1928], "*Jest is not a justification unless it is manifest from the language employed that it could in no respect be regarded as an attack upon the reputation of the person to whom it related*". Fehmiet dawn abbraccjati wkoll mill-Qrati taghna kif illustrat mid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tat-12 ta' Jannar, 1974 fil-kawza fl-ismijiet "**Wisq Rev. Mons. Carmelo Xuereb -vs- Lino Cassar**";

Fuq il-fehma tal-Qorti mill-assjem ta' l-artikolu din il-Qorti, ammess illi l-kitba setghat ukoll apparentement tidher ironika jew umoristika, ma ghandhiex l-aspett innokwu li jittanta jaghtiha l-appellanti. L-ebda inventiva jew kontraffazzjoni tas-sinjifikat naturali tal-kliem ma jista' jelimina l-ingurja li tohrog kjarament sew mit-titolu ta' l-artikolu kif ukoll mill-kontenut tieghu.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------